**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 3 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 189/16 AL

**AB**
**VS**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja (8) ta' Settembru tas-sena elfejn u sitta (2006) (Certifikat taz-Zwieg anness Dok A);

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dr Mariella Mizzi datat tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elfejn u hdax (2011) (Kopja annessa Dok B);

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx ulied;

Illi ghaddew aktar minn erba’ snin mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata Lorraine Gatt bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-Ligi, u dan taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha tikkonferma :

Illi ghal kull buon fini l-esponenti tiddikjara li hija ma ghandha l-ebda oggezzjoni ghall-akkoljiment tat-talbiet tar-rikorrent, skont kif dedotti fir-Rikors promotur;

L-esponenti inoltre umilment tissottometti li stante li t-talba ghad-divorzju ma hijiex qeghda issir minnha izda mir-rikorrenti, l-esponenti ma ghandhiex issofri l-ispejjez tal-prezenti proceduri;

Tant ghandha x’tissottometti l-esponenti ghas-savju u superjuri gudizzju ta’ dina il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-19 ta’ Lulju, 2016;

Semghet lir-rikorrenti jikkonferma ir-rikors tieghu waqt is-seduta tas-26 ta’ Ottubru 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Novembru 2011 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.